MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 248/2004

**Maltacom p.l.c.**

**Vs**

**Charles Dimech**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm279.89c (mitejn u disgha u sebghin lira Maltin u disgha u tmenin centezmu) rapprezentanti hsarat ikkagunati lill-proprjeta' tas-socjeta' attrici fuq *telephone cables* f'Main Street, Sliema matul Awissu 2002 skond invoice mibghuta lill-konvenut bin-numru 11635 (GT1111/02/19).

Illi l-konvenut gie nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa' nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez ta’ l-Avviz tat-talba, ta’ l-Ittra Ufficjali, u bl-imghaxijiet legali.

Ra li l-konvenut baqa’ ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema’ lil Dr Ingrid Zammit Young tikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------